**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53

Data tal-laqgħa: 18 ta' Mejju, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju 2022 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**53/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**53/01/01** Ma kienx hemm.

**53/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 52**

**53/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**53/02/02** **Para 52/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wħud mit-tabelli għal mal-*bollards* lesti.

**53/02/03** **Para 52/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki sal-lum ma smajna xejn.

**53/02/04** **Para 52/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar nitolbu laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**53/02/05** **Para 52/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar nitolbu laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**53/02/06** **Para 52/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal darb'oħra kkuntattjat lil Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**53/02/07** **Para 52/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl il-Planning Authority dalwaqt ser tieħu deċiżjoni.

**53/02/08** **Para 52/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**53/02/09** **Para 52/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Infrastructure Malta fuq il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero.

**53/02/10** **Para 52/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**53/02/11** **Para 52/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għalissa għadha pendenti.

**53/02/12** **Para 52/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*information panel* ta' Superjur Guido Tanti jonqos li nakkwistaw ritratt tiegħu.

**53/02/13** **Para 52/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**53/02/14** **Para 52/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Sqaq tal-Ferħa.

**53/02/15** **Para 52/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *sleeping police* ġdida fi Triq Santa Katerina.

**53/02/16** **Para 52/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**53/02/17** **Para 52/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-kuntrattur il-*parking bays* f'parti minn Triq Fra D. Mifsud aħjar ma jsirux.

**53/02/18** **Para 52/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina.

**53/02/19** **Para 52/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *sleeping police* ġdida fi Triq in-Naxxar.

**53/02/20** **Para 52/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella tal-qtates fi Triq l-Isqof Gargallo.

**53/02/21** **Para 52/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *Keep Clear* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika.

**53/02/22** **Para 52/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li cover għal platform lift għadha ma saritx.

**53/02/23** **Para 52/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 ma smajna xejn.

**53/02/24** **Para 52/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella *No heavy vehicles* għal Triq San Nikola.

**53/02/25** **Para 52/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ ħnejjiet ta' Ġnien il-Paċi dalwaqt ikunu lesti.

**53/02/26** **Para 52/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja tistax issir mejda ta' chess/tennis fil-Ġnien ta' top of the world.

**53/02/27** **Para 52/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-offerta għal servizz ta' perit dalwaqt ser tagħlaq.

**53/02/28** **Para 52/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Charlie Mifsud lesta xogħol ta' ftuħ ta' passaġġi, qtugħ ta' ħaxix kbir, siġar, etc. minn quddiem Busietta Gardens sa nofs il-wied.

**53/02/29** **Para 52/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet kitbet lil Lands Authority rigward il-proposta biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju.

**53/02/30** **Para 52/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet laqgħa ma' Sur George Abdilla rigward it-talba għal antenna fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**53/02/31** **Para 52/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li pubblikat poster ta' LYT Yoga.

**53/02/32** **Para 52/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023 ma smajna xejn.

**53/02/33** **Para 52/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat rubber għal ma' kantuniera fi Triq Ferdinandu.

**53/02/34** **Para 52/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella li tindika li Triq Mons. L. Catania tidjieq.

**53/02/35** **Para 52/03/01:** Is-Sindku qalet li t-Tberik tal-Annimali kien suċċess.

**53/02/36** **Para 52/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lill-Infrastructure Malta fuq il-problema li fi Triq ix-Xwieki ħafna drabi l-vann tal-persuni b'diżabilità ma jkunx jista' jgħaddi.

**53/02/37** **Para 52/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaxix ta' Triq l-Isqof S. Gaffiero nqata'.

**53/02/38** **Para 52/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed issir manutenzjoni ta' *notice boards* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Triq San Ġwann u x-Xwieki.

**53/02/39** **Para 52/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont Transport Malta mhux ideali biex tipparkja quddiem dak il-garaxx fi Sqaq tal-Ħofra u li l-STOP ta' mal-art qeda tajba.

**53/02/40** **Para 52/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella Għargħur → għal Birguma Bypass.

**53/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**53/03/01** Is-Sindku qalet li l-Comune di Gradoli aċċetta li jagħmel Ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Ir-rapport dwar il-ġemellaġġ kien diskuss u approvat mill-Kunsill.

**53/03/02** Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser iħallas parti mill-ktieb li kiteb is-Sur Simon Aquilina (€5000). Il-Kunsill qabel unanimament.

**53/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**53/04/01** Ma kienx hemm.

**53/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**53/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 t' April 2022).

**53/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Josef Gatt fejn infurmana li biex ikollna nsignia ġdida din trid tiġi ordnata mill-Italja u l-Kunsill jrid iħallas tagħha. Il-prezz hu ta' madwar €550.

**53/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 t' April 2022).

**53/05/04** Residenta li toqgħod fi Triq Katerina Sammut tablet tabella *no heavy vehicles*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**53/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 t' April 2022).

**53/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Neville Galea – SPI.SCI.1.2022. Finanzjament għal iżvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**53/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Mejju 2022).

**53/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Matthew Dimech – Reverse vending Machines in your locality. Il-Kunsill qabel unanimament li Reverse vending Machines tkun fi Triq G. Gafa'.

**53/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' April 2022).

**53/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Għargħur Bolol Reġjonali.

**53/05/11** Fuq it-talba għal double yellow lines fi Triq San Ġwann quddiem *construction site*. Il-Kunsill qabel li ssir kaxxa safra.

**52/05/12** Fuq it-talba għal 1m double yellow line jew junction box mal-ġenb tal-knisja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Kappillan sabiex jiftaħ il-grada l-oħra.

**53/05/13** Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-ktieb 'Bukkett Fjuri Lil San Bert' li kiteb is-Sur Ronnie Gauci dalwaqt ser ikun ippubblikat.

**53/05/14** Is-Sur Abraham Aquilina qal li bħalissa xi ħaddiema tal-Infrastructure Malta qed jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ fil-limiti tal-Ferħa.

**53/05/15** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li s-Sotto Kumitat Qasam Soċjali ser jorganizza ħarġa għal Għawdex nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2022.

**53/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru *blower* minħabba l-weraq li jwaqqgħu s-siġar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**53/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li s-Sa. Nathalie Micallef tpinġi fuq tankijiet użati fi Ġnien il Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**53/05/18** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niktbu lill-Pulizija sabiex jieħdu azzjoni fuq rapporti li qed nirċievu dwar żgħażagħ li qed jagħmlu storbju kif ukoll vandaliżmu fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**53/06** **Jum Ħal Għargħur**

**53/06/01** Is-Sindku qalet li nhar is-Sibt, 16 ta' Lulju 2022 ser isir 'Jum il-Għargħur'. Fis-6:15pm tibda l-quddies ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokkjali. Imbagħad wara ser ikun hemm serata mużikali f'Misraħ il-Knisja bil-parteċipazzjoni ta' Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew u Spiteri Lucas Entertainment. Din l-attivita' ħa ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Lvant.

**53/07** **Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Annwali 2022**

**53/07/01** L-*Audit Adjustments* ġew approvati unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-*Financial Statements*.

**53/08** **Konferma tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni ta' Tender for the professional service of an architect to the Ħal Għargħur Local Council**

**53/08/01** Ġie deċiż li jinħatar bord ta' evalwazzjoni ta' *Tender for the professional service of an architect to the Ħal Għargħur Local Council.*

**53/09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**53/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**53/10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**53/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2022 fil-5:30p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**